MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Numru 1297/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Therese Sciberras]**

**vs**

**Elaine Muscat**

Il-Qorti

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Diċembru, 2012 fejn il-Qorti , wara li rat l-artikoli 18, 28B, 41, 49, 50, 261(ċ), 267, 284 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara ammissjoni magħmula mill-imputata stess, sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 poġġietha taħt

ordni ta’ probation għal perjodu ta’ tliet snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti kontestwalment.

Rat id-denunzja magħmula mis-Senior Probation Officer Marietta Lanzon li kienet it-tieni denunzja fil-konfront tal-istess Elaine Muscat rigward l-istess każ. L-oħra saret fl-24 ta’ Novembru 2011 u kienet deċiża mill-Qorti Kriminali fid-29 ta’ Novembru 2011 mill-Qorti Kriminali.

Id-denunzja ta’ llum dwar Elaine Muscat tgħid li:

(a) Hija naqset li ssegwi d-direttivi mogħtija mill-Uffiċjal tal-probation sabiex tindirizza l-problema tad-droga. Lanqas ma qed turi stabbilita’ mal-Aġenzija Caritas.

(b) Illi naqset li tikkopera mad-direttiva tal-uffiċjal tal-probation billi naqset milli tattendi għall-kors Life Skills li l-għan tiegħu hu li jgħin fir-riabilitazzjoni tagħha.

Semgħet lill-Probation Officer tikkonferma d-denunzja bil-ġurament. Semgħetha wkoll tispjega kif bin-nuqqas ta’ attendenza għall-kors minn Elaine Muscat, intilef ċans li jgawdi minnu ħadd ieħor.
Semgħet lid-difiża tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha.

Rat li s-sentenza mogħtija oriġinarjament kontra Elaine Muscat kienet is-segwenti:

‘Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Elaine Muscat, ta’ 29 sena, bint il-mejjet Louis u Valerie Borg residenti imwielda nhar is-19 t’ April, 1981 u li toqghod f’ Qawra Towers Flat 1, Qawra Coast Road, Qawra, u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 204981M.

1 Talli f’ dawn il-gzejjer bejn 01 ta’ Mejju 2010 u 2 ta’ Dicembru, 2010 b’ diversi atti maghmulin minnha ukoll fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda kkommettiet diversi reati ta’ serq u cioe bejn il-15 ta’ Novembru, 2010 u t-2 ta’ Dicembru, 2010 f’ xi hin minn gewwa l-Euro Chemist li jinsab f’ San Pawl il-Bahar ikkommettiet is-serq ta’ diversi flixken ta’ fwieha li jiswew

madwar 360 euros liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-dannu ta’ terzi persuni

2 U aktar talli fit-23 ta Ottubru 2010 f’ xi hin minn gewwa l-Mellieha Pharmacy li tinsab il-Mellieha bil-hsieb li tikkommetti r-reat ta’ serq ta’ sitt flixken fwieha li jiswew 355.50 euros werit dan il-hsieb b’ atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt li huwa aggravat bil-valur, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghha

3 U aktar talli fl-1 ta’ Dicembru 2010 f’ xi hin minn gewwa Charles Stationer li tinsab gewwa San Pawl il-Bahar ikkommettiet is-serq ta’ zewgt flixken fwieha li jiswew 203 euros ghad-dannu ta’ terzi persuni

4 U aktar talli fit-23 t’ Ottubru 2010 f’ xi hin minn gewwa l-Village Pharmacy li tinsab fil-Mellieha kkommettiet is-serq ta’ sitt flixken fwieha li jiswew 203 euros ghad-dannu ta’ terzi persuni

5 U aktar talli fil-21 ta’ Novembru 2010 f’ xi hin minn gewwa l-Hansa Store li jinsab f’ San Pawl il-Bahar ikkommettiet is-serq ta’ erba grosos sigaretti li jiswew 159.30 euros ghad-dannu ta’ terzi persuni

6 U aktar talli fl-24 ta’ Novembru, 2010 f’ xi hin gewwa l-Hansa Cash and Carry li jinsab f’ San Pawl il-Bahar bil-hsieb li tikkommetti r-reat ta’ serq ta’ zewgt grosos sigaretti li jiswew 80 euros wriet dan il-hsieb b’ atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghha

7 U aktar talli bejn il-11 u t-13 ta’ Settembru 2010 f’ xi hin minn gewwa Franks Perfumery li jinsab gewwa Rahal Gdid ikkommettiet serq ta’ erba flixken fwieha li jiswew 347 euros ghad-dannu ta’ terzi persuni liema serq huwa aggravat bil-valur

8 U aktar talli bejn l-10 ta’ Novembru, 2010 u t-2 ta’ Dicembru, 2010 f’ xi hin minn gewwa St Simon Pharmacy

li tinsab f' San Pawl il-Bahar ikkommettiet is-serq ta' madwar hmistax –il flixkun fwieha li jiswew madwar 600 euros ghad-dannu ta' terzi persuni liema serq huwa aggravat bil-valur

9 U aktar talli bejn il-6 ta' Novembru, 2010 u t-2 ta' Dicembru, 2010 f' xi hin minn gewwa Felice Pharmacy li tinsab f' Haz-Zabbar ikkommettiet is-serq ta' flixkun fwieha li jiswa madwar 40 euro ghad-dannu ta' terzi persuni

10 U aktar talli bejn l-10 ta' Novembru 2010 u t-2 ta' Dicembru 2010 f' xi hin minn gewwa Promenade Pharmacy li tinsab f' San Pawl il-Bahar ikkommettiet is-serq ta' diversi flixken fwieha li jiswew aktar minn 233 euros u anqas minn 1165 euros ghad-dannu ta' terzi persuni liema serq huwa aggravat bil-valur

11 U aktar talli bejn it-22 ta' Novembru 2010 u t-2 ta' Dicembru 2010 f' xi hin minn gewwa Central Point Stationery li tinsab gewwa Haz-Zebbug Malta kkommettiet is-serq ta' diversi grosos tas-sigaretti li jiswew madwar 210 euros ghad-dannu ta' terzi persuni

12 U aktar talli bejn l-1 ta' Novembru, 2010 u t-2 ta' Dicembru, 2010 f' xi hin minn gewwa l-Plaza Pharmacy li tinsab gewwa Haz-Zebbug Malta kkommettiet is-serq ta' zewg flixken fwieha li jiswew 40 euros ghad-dannu ta' terzi persuni

13 U aktar talli bejn l-1 ta' Novembru 2010 u t-2 ta' Dicembru 2010 f' xi hin minn gewwa El Medina Pharmacy li tinsab gewwa San Pawl il-Bahar ikkommettiet is-serq ta' madwar zewgt flixken fwieha li jiswew 40 euros ghad-dannu ta' terzi persuni

14 U aktar talli bejn l-4 ta' Ottubru, 2010 u t-2 ta' Dicembru, 2010 minn gewwa Price Shoppers li jinsab gewwa Santa Venera kkommettiet is-serq ta' Crimper tax-xaghar li jiswa madwar 31.38 euros ghad-dannu ta' terzi persuni

15 U aktar talli fid-29 ta' Ottubru 2010 f' xi hin minn gewwa St Gaetan Pharmacy li jinsab gewwa l-Hamrun ikkommettiet is-serq ta' 40 euros fi flus kontanti ghad-dannu ta' terzi persuni

16 U aktar talli fit-30 t' Awwissu f' xi hin minn gewwa San Rafael Pharmacy li tinsab gewwa l-Marsa kkommettiet is-serq ta' xi affarijiet li jiswew 188 euros ghad-dannu ta' terzi persuni

17 U aktar talli bejn l-1 ta' Novembru 2010 u t-2 ta' Dicembru 2010 f' xi hin minn gewwa no 24 De Rohan Pharmacy li tinsab gewwa Haz-Zebbug Malta kkommettiet is-serq ta' erba' flixken fwieha li jiswew 188 euros ghad-dannu ta' terzi persuni

18 U aktar talli bejn l-1 ta' Settembru 2010 u t-2 ta' Dicembru 2010 minn gewwa Franks perfumery li jinsabu gewwa l-Mosta u l-Belt Valletta f' xi hin ikkommettiet is-serq ta' diversi affarijiet li jiswew anqas minn 1165 euros ghad-dannu ta' terzi persuni liema serq huwa kkwalifikat bil-valur

19 U aktar talli bejn l-1 ta' Gunju 2010 u t-2 ta' Dicembru 2010 minn gewwa l-Body Shop li tinsab fic-Centru Kummercjali l-Belt Valletta f' xi hin ikkommettiet is-serq ta' diversi affarijiet li jiswew anqas minn 1165 euros ghad-dannu ta' terzi persuni

20 U aktar talli kkommettiet reat waqt il-perjodu ta' sentenza ta' 'conditional discharge' mposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b' sentenza moghtija nhar l-4 ta' Mejju 2009 u waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza li nghatat fil-25 ta' Mejju 2009 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 18, 28B, 41, 49, 50, 261(c), 267, 284 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet

migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat
Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijet kollha migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Min-naha hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata kif ukoll il-fedina penali. Din turi li l-imputata diga kellha diversi kundanni dwar pussess ta’ droga u ta’ serq u reati ohra li jidher li huma relatati mal-vizzju ta’ l-abbuz tad-droga. Min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputata regghet qeghda f’kuntatt ma’l-agenzija Caritas u tidher li qed tipprova tiehu xi passi biex teghleb dan il-vizzju. Il-Qorti pero hija konsalevoli li waheda l-imputata m’hi ser jirnexxielha taghmel xejn u ghandha bzonn l-ghajnuna ta’ diversi professjonisti biex hija verament taqbad it-triq tar-riabilitazzjoni.

Illi l-Qorti hija disposta taghti lill-imputata l-ahhar opportunita biex tirriabilta lilha nnifisha, pero l-Qorti trid tissodisfa ruhha ukoll li l-imputata verament ser taghmel dak kollu necessarju biex tohrog mit-triq li donnha tant qed issibha difficli biex tohrog minnha. Dan il-Qorti tista’ taghmlu billi mhux biss tqeghdha taht is-supervizzjoni ta’ ufficjal tal-probation imma timponi ordni specifiku li l-imputata ghandha tattendi ghand dawk il-professjonisti kollha indikati lilha mill-ufficjal tal-probation u li toqghod ghall-dak it-trattament li jigi indikat lilha minn dawn il-persuni apparti li ghandha tibda u tkompli sa tmienu dak il-programm ta’ riabilitazzjonili jigi ndikat lilha mill-persuni kompetenti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 28B, 41, 49, 50, 261(c), 267, 284 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mogħti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghha u x'jigri jekk hija tikkommeti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation.'

Ikkunsidrat

Li din il-Qorti diġa' tat ċans lill-akkużata meta kien hemm denunzja tagħha billi ma ħaditx it-triq l-iebsa indikata fl-artikolu 21(2) tal-Kap 446 u minflok imponiet ammenda minima sabiex tipprova ġġiegħel lill-ħatja tinduna x'inhuwa l-għan ta' probation order.

Minkejja dan kollu, Elaine Muscat għażlet li ma tobdix lill-Probation Officer u dan f'direzzjonijiet vitalissimi, speċjalment, iżda mhux l-uniku, fejn tidħol il-kura biex hija tkun tista' teħles mid-dipendenza fuq id-droga. Mhux sew li l-Istat qed joffri s-servizzi ta' Probation Officers kif ukoll li jkun hawn tant xogħol utilissimu tal-volontarjat bħal dak li jsir b'tant attenzjoni u mħabba minn diversi soċjetajiet fosthom dik tal-Caritas, u min ikun instab ħati, flok jimxi mad-direzzjonijiet li jistgħu jkunu ta' fejda għalih, jaqbad u ma jobdix għal aktar minn darba.

Għalhekk il-Qorti, ser ikollha tuża s-saħħa mogħtija lilha bil-liġi bl-artikolu 21(2) tal-Kap 446 billi timxi mat-tieni parti tiegħu, jiġifieri, 'tista' tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull

mod kif il-Qorti tista’ tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-Qorti għar-reat’ u għalhekk wara li rat l-artikolu 21(2), 22 u 23 tal-Kap 446 kif ukoll l-artikoli 18, 28B, 41, 49, 50, 261(c), 267, 284 u 289 tal-Kap 9 qed tikkundanna, wara li jirriżulta wkoll li ebda waħda mill-imputazzjonijiet ma saret qabel il-25 ta’ Mejju 2010 (żmien ta’ sentenza sospiża miżjud b’sena) u b’applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kap 9, u wara li qieset ukoll li kienet saret ammissjoni bikrija, għal sena priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------